32006D0132

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-13 ta' Frar 2006

li tirrikonoxxi il-karattru kompletament operazzjonali tad-*database* Taljana dwar l-annimali bovini

(innotifikata taħt dokument numru C(2006) 350)

(It-test Taljan biss hu awtentiku)

(2006/132/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi sistema għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-bhejjem tal-fart u dwar it-tikkettjar tal-laħam taċ-ċanga u tal-prodotti tal-laħam taċ-ċanga u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 820/97, u b'mod partikolari l-Artikolu 6 (3) tiegħu,

Billi:

(1) L-Italja ppreżentat talba għal rikonoxximent tal-karattru kompletament operazzjonali tad-*database* li tagħmel parti mis-sistema Taljana għall-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni ta' l-annimali bovini, skond ir-Regolament (KE) Nru 1760/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(2) L-awtoritajiet Taljani ressqu informazzjoni xierqa li kienet ġiet aġġornata fit-22 ta' Settembru 2005.

(3) L-awtoritajiet Taljani impenjaw irwieħhom li jtejbu l-affidabilità tad-database billi jiżguraw b' mod partikolari li (i) miżuri oħrajn, inklużi spezzjonijiet, għandhom jiġu implimentati sabiex jissaħħaħ ir-rispett għall-iskadenza ta' sebat ijiem għan-notifikazzjoni mid-detentur tal-wild, tal-movimenti u ta' l-imwiet, (ii) miżuri oħrajn għandhom jiġu implimentati sabiex ikun aċċertat li jkun hemm azzjoni ta' segwitu xierqa fl-osservaza awtomatika ta' żbalji jew ommissjonijiet, jew matul l-ispezzjonijiet fuq il-post, (iii) miżuri oħrajn għandhom jiġu implimentati sabiex ikun aċċertat li l-movimenti kollha, b' mod partikolari minn jew lejn is-swieq, jiġu rreġistrati fid-database, (iv) miżuri oħrajn għandhom jiġu implimentati sabiex jiġi aċċertat li l-kontrolli ta' l-identifikazzjoni tal-bhejjem bovini jsiru skond ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 108/2003 [2].

(4) L-awtoritajiet Taljani impenjaw irwieħhom li jimplimentaw il-miżuri ta' titjib kif miftiehem sa mhux iktar tard mill-31 ta' Marzu 2006.

(5) Fid-dawl ta' dak li intqal hawn fuq, huwa xieraq li jiġi rikonoxxut il-karattru kompletament operazzjonali tad-*database* Taljana dwar l-annimali bovini,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-database Taljana għall-annimali bovini hija rikonoxxuta bħala kompletament operazzjonali mill-1 ta' April 2006.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika Taljana.

Magħmula fi Brussell, it-13 ta' Frar 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 204, tal-11.8.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mill-Att ta' Adeżjoni ta' l-2003.

[2] ĠU L 156, tal-25.6.2003, p. 9. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 494/2004 (ĠU L 80, 18.3.2004, p. 24).